KUNSILL LOKALI **SLIEMA** LOCAL COUNCIL

Ref: Seduta 19_05/08/10 VI (li tkompliet fid-27/09/10)

# MINUTI TAD-DSATAX-IL SEDUTA

**Id-dsatax-il seduta** tal-5 ta' Awwissu 2010 tas-Sitt Kunsill Lokali Tas-Sliema tkompliet it-**Tnejn 27 ta` Settembru 2010** fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Depiro, Sliema.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku: | Johanna Gonzi |
| Viċi Sindku: | Cyrus Engerer |
| Kunsilliera: | Yves Bobby Cali<br>Edward Cuschieri<br>Julian Galea<br>Nicolai Gauci<br>Patrick Pace |
| Segretarju Eżekuttiv: | Svetlana Curmi |
| Ufficjal: | Graziella Enriquez |
| Assenti: | Nikki Dimech |
| Skuzati: | Marianne Aquilina<br>Sandra Camilleri<br>Martin Debono |

Is-Sindku Johanna Gonzi ppresediet il-laqgha.

Is-seduta bdiet fis-6.05 ta' filgħaxija b'din l-agenda:



Sliema Local Council Depiro Street Sliema SLM 2037 - Malta Tel: (+356) 2133 7633 Fax: (+356) 2134 5333 Email: sliema.lc@gov.mt

www.sliema-malta.com

1. Approvazzjoni tal-minuti tas-seduta 18_19/05/10VI
2. Approvazzjoni tal-minuti tas-seduta b`urgenza 29/07/10VI
3. Materji konnessi mal-minuti
4. Korrispondenza u komunikazzjonijiet mis-Sindku/Segretarju Eżekuttiv
5. Approvazzjoni tal-pagamenti
6. Tender Servizz ta` Perit
7. Tender ta` Xogħlijiet Żgħar
8. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera
9. Affarijiet Oħra

***Nota**: Il-Kunsill kellu jkompli jiddiskuti l-korrispondenza.*

**4. Korrispondenza u komunikazzjonijiet mis-Sindku/Segretarju Eżekuttiv**

4.1 Is-Sindku ssospendiet il-laqgha biex ir-rappreżentant tar-RiteMix ikun jista' jaghti informazzjoni lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni biex jintrama t-*tower crane* fi Triq Sir Gorg Borg kantuniera ma' Triq it-Torri.

***Il-Kunsillier N. Gauci dahal ghas-seduta fis-6.15 ta' filghaxija***

4.2 Is-Sindku qalet li qabel il-laqgħa tkellmet mal-Perit Tano Zammit li huwa r-rappreżentant tar-RiteMix. Hi qalet li bhalissa l-izviluppatur qed juza mobile crane izda l-Perit Zammit qalilha li jixtieq li jibda juza tower crane biex iħaffef ix-xogħol u biex ma jkollhiex tingħalaq Triq it-Torri.

4.3 Is-Sindku qalet li t-triq ghadha kemm giet moghtija wicc gdid bit-*tarmac* f'Jannar ta' din is-sena. Hi qalet li l-Kunsill kellu jissalvagwardja l-garanzija ta'sentejn fuq din it-triq.

4.4 Is-Sindku qalet li l-Perit infurmha li lest li jkopri lill-Kunsill għall-bqija tal-perjodu tal-garanzija. Qalet li semma wkoll lli mhux se jaghlaq l-access ghall-garaxxijiet li hemm fit-triq u li talab li l-permess tat-*tower crane* johrog ghall-perjodu ta' 8 (tmien) ġimgħat.

4.5 Is-Sindku pproponiet illi l-Perit tal-Kunsill wara li jiskadi z-zmien li fih il-periti l-ohra li kienu tefghu l-offerta mieghu jiskadilhom il-perjodu tal-għaxar tijiem li jikkontestaw id-decizjoni tal-Kunsill ghandu jinforma lil Kunsill dwar il-kundizzjonijiet li jista' jaghmel lill-kuntrattur qabel ma jinhariglu l-permess. Qalet li t-TM ukoll ghandha tkun mgharrfa minhabba ragunijiet ta' *traffic management*. Il-Kunsill qabel b' mod unanimu dwar dan.

4.6 Is-Sindku qalet illi kellha laqgħa mal-avukat u mal-*accountant* tal-Kunsill dwar it-*tender* ghall-ġbir tal-iskart imhallat li l-Kunsill Tas-Sliema hareg b'mod kongunt ma' San Giljan. Hi qalet li l-avukat u l-*accountant* spjegawla li jkun ahjar ghall-Kunsill li johrog it-*tender* ghall-ġbir tal-iskart imhallat ghal rasu u mhux kif qieghed bhalissa b'mod kongunt ma' San Ġiljan.

4.7 Il-Kunsillier J. Galea qal li jkun ahjar jekk il-Kunsill Lokali Tas-Sliema johrog it-*tender* ghall-ġbir tal-iskart imhallat ghal rasu. Il-Kunsillier N. Gauci qabel mal-Kunsillier Galea u qal li b'*tender* kongunt ma' San Giljan il-Kunsill Tas-Sliema mhux se jkun jaqbillu għaliex San Giljan għandu *area* ikbar għax jinkludi Paceville.

4.8 Is-Sindku qalet illi l-avukat esprima l-hsieb li mhuwiex kuntent illi qiegħed wahdu jirraprezenta lil Kunsill fuq il-bord tal-evalwazzjoni tat-*tender* ghall-ġbir tal-iskart imhallat. Hi qalet illi taħseb illi l-avukat m'għandux ikun qed jirraprezenta lill-Kunsill waħdu fuq dan il-bord.

4.9 Il-Kunsillier Y. Cali qal illi l-Kunsill irid jevalwa jekk jaqbilux finanzjarjament illi jkollu tender ghall-ġbir tal-iskart imhallat mal-Kunsill Lokali ta' San Ġiljan.

4.10 Is-Sindku pproponiet illi l-avukat ma' jibqax jirrapreżenta lill-Kunsill fuq il-bord tal-evalwazzjoni tat-*tender* ghall-ġbir tal-iskart imhallat ma' San Giljan. Il-Viċi Sindku ssekonda. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu favur il-mozzjoni.

4.11 Is-Sindku ipproponiet illi t-*tender* ma' San Ġiljan ghall-ġbir tal-iskart imhallat ghandu jinzamm *on hold* sal-laqgha li jmiss sakemm il-Kunsill ikollu iktar informazzjoni dwar jekk

jaqbilux jibqa ghaddej bl-aggudikazzjoni tat-*tender* ghal ġbir tal-iskart imhallat bi shab ma' San Giljan. Il-Kunsillier P. Pace ssekonda. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu favur il-mozzjoni.

4.12 Is-Sindku qalet illi sid il-ħanut Cesca's talab il-permess tal-Kunsill biex jiehu hsieb il-*hedging* illi hemm quddiem il-ħanut tiegħu u biex iżid xi pjanti u dan a spejjeż tiegħu. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu favur.

4.13 Is-Sindku qalet illi avviċinawa xi sidien ta' dgħajjes li qed jitolbu li jkollhom parkeġġ taht il-Kiosk ta' Peppi ghal vetturi tagħhom wara li jniżżlu d-dgħajjes. Qalet ukoll illi giet infurmata illi fl-istess zona twaħħlu xi *bollards* bil-ktajjen mingħajr permess.

4.14 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi d-Dipartiment tal-Artijiet kif ukoll it-Transport Malta kienu infurmati dwar dan u li kienet qed tistenna korrispondenza dwar xi azzjoni li setghet tittiehed jekk jinstab li dawn kienu twahhlu illegalment.

4.15 Il-Kunsillier J. Galea qal illi sidien id-dghajjes għandhom jingħataw 20 minuta ċans biex iniżżlu d-dgħajsa izda li ghandhom isibu post alternattiv ta' parkeġġ ghall-vettura. Il-Kunsill qabel li ghandhom jipparkjaw it-*trailer* fuq il-post imma mhux il-karozza. Dwar dan il-Kunsill qabel li għandu jitlob gwida mit-Transport Malta u mill-Pulizija.

***Il-Kunsillier Y. Cali kien skuzat mil-laqgha fis-7 ta' filgħaxija.***

4.16. Il-Kunsillier N. Gauci ppropona illi jitwaħħlu cameras tul il-kosta kollha inkluż fuq il-bandli ta' hdejn it-Torri.

4.17. Is-Sindku ressqet korrispondenza li mingħand is-Sur Michael Borg, li joqoghod fi Triq Sant' Enriku, u li qiegħed jitlob kumpens għall-ispejjeż li għamel biex sewwa l-għatba tal-bieb li kissrulu l-ħaddiema ta' *Polidano Bros* waqt li kienu qed isiru xogħolijiet fit-triq. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li għandu jkun jaf min ta l-awtorizzazjoni lis-Sur Borg biex jagħmel dan ix-xoghol.

4.18 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet korrispondenza mingħand is-Sur Debono, li joqghod fi Triq Sant' Enriku, li qiegħed isaqsi jekk jistax isewwi l-ghatba tal-bieb tieghu wara li l-ħaddiema ta' *Polidano Bros* kissruilu waqt li kienu qed isiru xogħolijiet fit-triq. Il-Kunsill qabel li ghandu jgħid lill-kuntrattur b'dan il-każ meta ssir il-laqgha miegħu.

4.19 Is-Sindku qalet li ghandha ssir laqgħa informali mas-Sur Charles Polidano fl-Ufficcju tal-Kunsill fis-2.30 ta' wara nofsinhar fl-4 ta' Ottubru, 2010.

4.20 Is-Sindku qalet li l-Kunsill gie infurmat mis-sid tal-garaxx mikri ghand il-Kunsill illi se jgħolli l-prezz tal-kirja minn EUR1164.69 għal EUR1455 fis-sena. Is-Sindku pproponiet li tinhareg sejha ghall-kwotazzjonijiet. Il-Kunsillier E Cushieri ssekonda. Il-Kunsill ivvota favur.

4.21 Il-Kunsillier N. Gauci talab illi ssir bollard quddiem bieb numru 7, fi Triq San Ġakbu. Il-Kunsill qabel li minhabba li hemm tender pendenti għall-bollards, din m'għandix issir għalissa.

4.22 Is-Sindku qalet illi ħarġet applikazzjoni ghall-fondi biex isiru attivitajiet fil-lokalitajiet. Ippoponiet li l-Kunsill japplika ghal dawn il-fondi u jorganizza attivita għall-Milied.

4.23 Kien hemm diskussjoni dwar proposti ghal din l-attivita, fosthom il-Kunsiller N. Gauci ippropona attivita bl-isem ta' Lejlet Sliema. Is-Sindku ssugerit li ghal din l-attivita jistghu jinkrew huts li jistgħu jitpoġġew mal-promenade biex isir forma ta' *Christmas Village*. Is-Sindku talbet lil Kunsilliera biex jipproponu ideat ta' x'jista jsir waqt din l-attivita.

4.24 Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li l-impjegata Stefania Friggieri talbet biex taħdem *full days* sa Settembru, 2010. Qalet li mill-1 ta' Ottubru 2010 is-Sinjura Friggieri qed titlob li taħdem b'*reduced hours*. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

4.25 Is-Sindku qalet illi fuq atttivitajiet zghar kienet ittieħdet deċiżjoni fil-Kunsill precedenti biex ma jibqgħux isiru deċiżjonijiet bl-*emails*. Izda qiegħda tissuġġerixxi illi meta jkun hemm attivitajiet żgħar, il-Kunsilliera jigu nformati ghal apparovazzjoni taghhom.

4.26 *Das Maltese Kruisers* talbu illi jagħmlu *60's night* u *car show* fuq il-blat ħdejn is-*Surfside*. Il-Kunsill qabel li TM, MTA u MEPA jigu notifikati ghal kumment taghhom.

4.27 *Aiesec Malta*, talbu ghal *sponsorship* ghall-Konferenza Internazzjonali, il-Kunsill qabel li ma jistgħux jingħataw sponsors.

4.28 Talba mingħand is-Sur Alfred Magro mill-*Fortina Spa*, biex jitpoġġew 3 *open skips* fi Triq Censu Xerri. Din it-talba ma ġietx milqugħa.

4.29 Il-Kunsillier N. Gauci staqsa kemm hemm *tower cranes* f'Tas-Sliema. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi bħalissa hawn sitt *tower cranes* u hemm erba' applikazzjonijiet pendenti.

4.30 Il-Kunsillier J.Galea ppropona li l-*pedistrian crossings* ta' Triq it-Torri isiru bil-*humps* u *patch* ħamra bhal ta' H'Attard.

4.31. Is-Sindku qalet illi l-process tal-installazzjoni tal-*photovoltaic cells* wasal biex jiġi konkluż.

4.32. Is-Sindku qalet li nhar l-Erbgha 29 ta' Settembru fil-5.30 ta' filghaxija see ssir laqgha ghall-approvazzjoni tar-rendikont finanzjarju.

Is-seduta intemmet fit-7.45 ta' filgħaxija.

**Is-seduta ġiet aġġornata ghal nhar l-Erbgħa 29 ta' Settembru fis-6.30 ta' filghaxija.**

**Johanna Gonzi**
**Sindku**

**Svetlana R. Curmi**
**Segretarju Eżekuttiv**